MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' April, 2013

Rikors Numru. 68/2011

**John Grech u Dorothy Grech**

**-vs-**

**1. Onor. Prim' Ministru;**

**2. Onor. Tonio Fenech – Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment;**

**3. Onor. Dr. Jason Azzopardi – Segretarju Parlamentari fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment;**

**4. Onor Dr. Mario De Marco – Segretarju Parlamentari fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim' Ministru;**

**5. L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar;**

**6. Kummissarju tal-Artijiet;**

**7. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Proprjeta' tal-Gvern;**

**8. Avukat Ġenerali.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ippreżentat fit-28 t'Ottubru 2011 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi r-rikorrenti huma sidien ta' porzjon diviża ta' art fi Triq Reggie Miller, Gżira liema art ġiet akkwistata mir-rikorrenti permezz ta' żewġ kuntratti fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri (kopja hawn annessa u markati Dok. TS1 u Dok. TS2) u liema art tinsab delineata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta hawn annessa u markata bħala Dok. JG1;

Illi b'dikjarazzjoni tal-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta ppubblikata fil-Gażżetta tal-Gvern tas-17 ta' Marzu 1989 (kopja hawn annessa u markata Dok. JG2), ġie dikjarat illi parti mill-proprjeta' tar-rikorrenti kienet meħtieġa għal skopijiet pubbliċi u liema porzjon ta' art hekk espropprijata tinsab indikata bil-kulur *orange* fuq il-pjanta hawn annessa u markata Dok. JG3;

Illi l-iskop pubbliku li għalih kienet intiza l-parti tal-proprjeta' tar-rikorrenti kienet sabiex jigi ffurmat taraġ fuq l-imsemmija art, liema fatt jirriżulta mill-ittra tad-Dipartiment Proprjeta' tal-Gvern datata 14 ta' Jannar, 2010 li kopja tagħha hija hawn annessa u markata bħala Dok. JG4;

Illi sussegwentement b'dikjarazzjoni tal-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta ppubblikata fil-Gażżetta tal-Gvern tal-21 ta' Awissu 1992 (kopja hawn annessa u markata Dok. JG5), ġie dikjarat illi l-parti mill-art tar-rikorrenti

oriġinarjament meħtieġa għal skopijiet pubbliċi ma kienitx aktar meħtieġa għal skopijiet pubbliċi;

Illi konsegwentement b'effett tad-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ppubblikata fil-21 ta' Awissu 1992, il-parti mill-art proprjeta' tar-rikorrenti ġiet rilaxxata għal favur tas-sidien tagħha u dana mingħajr restrizzjonijiet;

Illi effettivament f'*survey sheet* li ġiet pubblikata wara dina d-dikjarazzjoni, it-taraġ pubbliku li kien oriġinarjament intiż li jsir fuq l-art tar-rikorrenti ma ġiex rifless fl-imsemmija *survey sheet*;

Illi iżda għal xi raġuni mhux magħrufa lir-rikorrenti, f'xi żmien dana t-taraġ reġa ġie nkluż fil-pjan lokali għal Triq Reggie Miller, Gżira b'mod illi illum fil-pjan lokali msemmi hemm indikat li fuq l-art tar-rikorrenti li ġiet rilaxxata permezz tad-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ppubblikata fil-21 t'Awissu 1992, huwa ntiż li jsir taraġ pubbliku;

Illi dina l-inklużjoni tat-taraġ saret *nonostante* li permezz tad-dikjarazzjoni tal-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal- 21 t'Awissu 1992, ġiet dikjarat illi l-parti mill-art tar-rikorrenti oriġinarjament meħtieġa għal skopijiet pubbliċi ma kienitx aktar meħtieġa għal skopijiet pubbliċi;

Illi r-rikorrenti kitbu lill-Kummissarju tal-Artijiet u lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Proprjeta' tal-Gvern dwar dan permezz t'ittra datata 20 ta' Diċembru 2009 u permezz tar-risposta relattiva datata 14 ta' Jannar 2010 (kopja hawn annessa u markata Dok JG4) ġie konfermat illi l-art li oriġinarjament kienet meħtieġa għall-kostruzzjoni ta' dana t-taraġ pubbliku fi Triq Reggie Miller, Gżira ġiet rilaxxata mill-effetti tal-esproprju permezz tad-dikjarazzjoni tal-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta ppubblikata fil-Gażżetta tal-Gvern tal-21 t'Awissu 1992;

Illi *nonostante* dan kollu, l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar (MEPA) infurmat lir-rikorrenti illi ġjaladarba fin-*North Harbour Local Plan* approvata fit-3

t'Awissu 2006 hemm indikat illi fuq parti mill-art tar-rikorrenti huwa ntiż li jsir taraġ pubbliku, ebda applikazzjoni għal żvilupp ma' tista' tiġi kkunsidrata favorevolment;

Illi l-MEPA qed tinsisti illi ġjaladarba hemm dina r-restrizzjoni fuq parti mill-art tar-rikorrenti hija tinsab inibita milli tikkunsidra tali parti bħala fabbrikabbli mir-rikorrenti;

Illi konsegwentement qed tissussisti esproprjazzjoni *de facto* jew interferenza fl-użu tal-proprjeta' jew kontroll ta' użu tal-proprjeta' tar-rikorrenti u dana mingħajr ma jissussisti l-bżonn fl-interess pubbliku;

Illi din l-esproprjazzjoni *de facto* jew interferenza qed tipperdura u dana *nonstante* d-dikjarazzjoni tal-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta ppubblikata fil-Gażżetta tal-Gvern tal-21 ta' Awissu 1992 li permezz tagħha ġie ddikjarat illi l-art tar-rikorrenti m'hijiex meħtieġa għal skopijiet pubbliċi;

Illi bl-aġir tal-intimati, jew min minnhom, qed jiġu vjolati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti u dan kif imħaddna fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi b'effett ta' dan kollu r-rikorrenti ukoll qed isofru u ser ikomplu jsofru danni konsiderevoli;

Illi għalkemm l-intimati ġew imsejħa sabiex jirrimedjaw is-sitwazzjoni permezz ta' protest ġudizzjarju numru 164/11 ippreżentat fid- 19 t'April 2011, l-intimati baqgħu inadempjenti apparti l-fatt li anqas risposta għal dana l-protest ġudizzjarju ma saret mill-intimati;

Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kull dikjarazzjoni neċċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-aġir tal-intimati jikkostitwixxi esproprjazzjoni *de faċto* jew interferenza fl-

użu tal-proprjeta' jew kontroll ta' użu tal-proprjeta' tar-rikorrenti u dana meta ma jeżistiex l-bżonn ta' interess pubbliku;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi konsegwentement l-aġir tal-intimati jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti u dana kif imħaddna fl-artikoli 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

3. Tordna illi konsegwentement l-intimati għandhom, fi żmien qasir u perentorju, jirrintegraw lir-rikorrenti fit-tgawdija bla xkiel jew interferenza tal-imsemmija proprjeta' u dana billi jneħħu kull xkiel u / jew interferenza li jista' b'xi mod ixekkel il-jedd tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-possedimenti tagħhom, inkluż, iżda mhux limitatament, li jiġi emendat in-*North Harbour Local Plan* b'mod illi titneħħa kull indikazzjoni li fuq l-art proprjeta' tar-rikorrenti huwa pjanat li jsir taraġ;

4. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati jew min minnhom huwa unikament responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti bħala kumpens għall-vjolazzjonijiet fuq imsemmija;

5. Tillikwida d-danni ossija kumpens dovut lir-rikorrenti b'konsegwenza għall-vjolazzjonijiet fuq imsemmija;

6. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidata;

7. Tagħti kwalunkwe rimedju ieħor li jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi tal-każ skond il-liġi;

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-protest ġudizzjarju numru 164/11, u bl-imgħax kontra l-intimati li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta tal-intimati l-Onor. Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment; l-Onor Dr. Jason Azzopardi – Segretarju Parlamentari fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment; il-Kummissarju tal-Artijiet; u tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Proprjeta' tal-Gvern ppreżentata fil-21 ta' Novembru 2011, li permezz tagħha ġie eċċepit:

*In linea* preliminarja, l-Onor. Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment; l-Onor Dr. Jason Azzopardi – Segretarju Parlamentari fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment m'humiex il-leġittimi kontradittturi versu r-rikorrenti u tħarrku inutilment u għandhom għalhekk jiġu estromessi mill-atti tal-kawża;

Illi t-talbiet tar-rikorrenti in kwantu diretti kontra l-Kummissarju tal-Artijiet u Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Proprjeta' tal-Gvern huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi min-naħa tagħhom huma kienu ġja' rrilaxxjaw formalment il-proprjeta' *de quo* mill-espropriju u dana b'seħħ mis-sena 1992 b'Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tal-21 ta' Awissu 1992, debitament ippubblikata fil-Gażżetta tal-Gvern, skond il-liġi;

Illi l-intimati fuq imsemmija m'għamlu ebda aġir li jikkostitwixxi esproprijazzjoni *de facto* u wisq anqas m'għamlu xi ħaġa bi vjolazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u / jew tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Bl-istess mod u kwantu għat-tielet talba r-rispondenti jiċħdu li huma għamlu xi xkiel jew interferixxew a detriment tar-rikorrenti;

Illi l-intimati eċċipjenti m'għandhom ebda kontroll fuq *surveys sheets* u *harbour plans* li jidher huma l-qalba tal-premessi u talbiet attriċi għal sejba ta' ħtija;

Illi huma bl-ebda mod ma jistgħu jinżammu responsabbli għal xi Danni kif mitlub mir-rikorrenti, la kollettivament u lanqas individwalment.

Salv kull eċċezzjoni oħra, jekk ikun il-każ.

Rat ir-risposta tal-intimat tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar preżentata fl-24 ta' Novembru 2011, li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

Preliminarjament, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita' s-setgħat tagħha billi kien hemm meżżi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat disponibbli għar-rikorrenti, konsistenti fl-intavolar ta' Planning Control Application, u liema rimedju ma ġiex utilizzat mir-rikorrenti.

Preliminarjament ukoll, l-Awtorita' intimata m'hijiex il-leġittima kontradittriċi għat-talbiet tar-rikorrenti, u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, *stante* li l-Pjan Lokali li dwaru qed jilmentaw ir-rikorrenti ġie fis-seħħ in parti bis-saħħa ta' riżoluzzjoni parlamentari u in parti b'deċizjoni tal-Eżekuttiv, u mhux bis-saħħa ta' xi setgħa eżerċitata mill-Awtorita' intimata. Il-proċess li ġab fis-seħħ id-dispożizzjoni dwar il-Pjan Lokali huwa wieħed leġislattiv u mhux amministrattiv.

Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti qed jiġu kontestati. In kwantu l-ilment tar-rikorrenti hu impernjat taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, dan hu nfondat billi ġie konsistentement ritenut li l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni japplika biss meta jkun hemm teħid obbligatorju tal-proprjeta' tiegħu, liema ċirkostanzi m'avverawx ruħhom fil-każ odjern.

Illi in kwantu t-talba tar-rikorrenti hi msejsa taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, din hi wkoll infondata billi l-istess artikolu jipprovdi li d-dispożizzjonijiet f'dan l-artikolu m'għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjeta' skont l-interess ġenerali. Jingħad ukoll li skont il-liġi nostrana, art li hi meħtieġa għall-finijiet t'Ippjanar ossia ppjantar tal-ibliet (*town-planning*), hi meqjusa bħala hekk meħtieġa għal skop pubbliku (Kap 88).

Illi fil-mertu u bla preġudizzju għall-premess, it-teżi tar-rikorrenti hi waħda inaċċettabbli. Il-fatt li art ġiet rilaxxjata mill-esproprju kważi għoxrin sena ilu għax dak iż-żmien u fil-fehma tal-Kummissarju tal-Artijiet ma kienitx meħtieġa għal skop pubbliku, ma jfissirx li l-MEPA hi prekluża milli tagħmel *designation (zoning)* tal-proprjeta' mertu tal-kawża bħala hekk meħtieġa għall-finijiet ta' ppjanar u għall-finijiet ta' permejabilita' urbana, u fil-fatt dan hu dak li seħħ. Ukoll, din hi l-proċedura li minn dejjem tiġi segwita – li l-ewwel proprjeta' tiġi hekk indikata mill-MEPA, meta tkun hemm meħtieġa għall-finijiet ta' ppjanar bħal fil-kaz odjern, imbagħad il-Kummissarju tal-Art jagħmel l-esproprju meħtieġ skond il-liġi.

Illi l-art in kwistjoni kienet sa minn żmien ilu ndikata biex tagħti aċċess minn naħa urbana għal naħa oħra urbana, u din il-funzjoni tal-ippjanar bħala proposta ma nbidlitx fil-pjan lokali, għax inħass li din il-funzjoni tal-ippjanar bħala proposta ma nbidlitx fil-pjan lokali, għax inħass li din il-funzjoni kienet għadha meħtieġa, u għalhekk anke minn dan l-aspett ir-rikors promotur ma jistħoqqlux akkoljiment. Mhux hekk biss, iżda f'dan il-każ ir-rkorrenti użaw din il-proċedura biex jissorvolaw il-proċedura rikjesta mill-liġi u qed jitolbu li jitħassar aċċess mingħajr ma l-proċess kontemplat fil-liġi jiġi segwit.

Illi in kwantu r-rikorrenti qed jitlob id-danni, tali talba qed tiġi wkoll kontestata, għar-raġunijiet miġjub aktar 'il fuq kif ukoll billi l-Awtorita' intimata qdiet l-inkarigu tagħha fil-kumpilazzjoni u testija tal-Pjan Lokali skond il-provvediment tal-Liġi, *in buona fede* kif ukoll skond il-kriterji applikabbli.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat ir-risposta tal-Onorevoli Prim Ministru, tal-Onorevoli Dr. Mario De Marco bħala Segretarju Parlamentari fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim' Ministru u tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha ġie eċċepit:

Illi fl-ewwel lok u *in linea* preliminari in kwantu l-proċess li ġab fis-seħħ id-dispożizzjonijiet dwar il-Pjan Lokali in kontestazzjoni huwa wieħed leġislattiv, u l-Onorevoli Prim' Ministru u l-Onorevoli Dr Mario De Marco m'humiex il-fergħa leġislattiva tal-Istat *oltre* l-fatt li ma hemm ebda allegazzjoni oħra diretta jew indiretta fil-konfront tagħhom, huma m'humhiex il-leġittimi kontradittur fil-proċeduri odjerni u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

Illi fit-tieni lok u wkoll *in linea* preliminari din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha taħt l-Att XIV tal-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropea a tenur tal-Artikolu 4(2) tal-Att XIV tal-1987 *stante* d-disponibilita' ta' meżżi oħra xierqa ta' rimedju ordinarju li r-rikorrenti kellhom sabiex jivvantaw il-pretensjonijiet tagħhom skond il-liġijiet u r-Regolamenti tal-MEPA, senjatament l-intavolar ta' *Planning Control Application*, liema rimedju ma ġiex utilizzat mir-rikorrenti.

Illi huwa prinċipju stabbilit f'katina ta' ġurisprudenza lokali li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha meta tkun sodisfatta li meżżi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.

Illi fid-dawl tas-suespost jidher b'mod ċar u inekwivoku li r-rikorrenti għandhom jew kellhom meżżi ordinarji xierqa, adegwati u effettivi sabiex jivvantaw il-pretensjonijiet tagħhom u għalhekk m'hemm ebda lok biex din l-Onorabbli Qorti fil-vesti stratordinarji tagħha tisma' u tiddeċiedi dwar il-każ.

Illi fit-tielet lok u wkoll *in linea* preliminari l-inapplikabilita' tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta *stante* li l-fatti tal-każ odjern ma jissodisfawx ir-rekwiżiti neċessarji għall-applikabilita' tal-Artikolu ndikat senjatament it-teħid jew pussess ta' proprjeta' b'mod obbligatorju; u / jew kisba ta' xi nteress jew dritt fuq proprjeta' b'mod obbligatorju. Għal kuntrarju fil-każ odjern ir-rikorrenti huma s-sidien assoluti

tal-proprjeta' in kwistjoni u jgawdu pjenament mid-drittijiet kollha ta' proprjetarji senjatament il-*ius utendi*, il-*ius fruendi*, il-*ius abutendi* u il-*ius detruendi*.

Illi subordinament u bla preġudizzju għas-suespost, fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:

Illi r-restrizzjoni għal żvilupp fuq parti mill-art tagħhom ma tammontax għal interferenza jew kontroll fl-użu tal-proprjeta' kif qed jallegaw ir-rikorrenti.
Illi fi kwalunkwe każ u bla preġudizzju għas-suespost anke li kieku kellha din l-Onorabbli tasal għal din il-konklużjoni, xorta m'għandha tinstab ebda leżjoni ta' xi dritt fundamentali tar-rikorrenti *stante* li t-tieni paragrafu tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea jikkonċedi lill-Istat latitudni wiesgħa sabiex iwettaq dawk il-liġijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjeta' skond l-interess ġenerali u għalhekk kwalunkwe deċiżjoni jew aġir da parti tal-Istat u l-Awtoritajiet kompetenti huwa salvagwardjat permezz ta' din il-klawsola.

Illi jsegwi għalhekk li lanqas ma hemm ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea.
Illi jiġi rilevat ukoll li art li hi meħtieġa għall-finijiet ta' ppjanar senjatament għall-ippjantar tal-ibliet hi konsidrata bħala hekk meħtieġa għal skop pubbliku a tenur tal-Kap 88 tal-liġijiet ta' Malta. Ukoll, l-'iskop' u l-'interess' pubbliku jindikaw biss għanijiet u bl-ebda mod ma jillimitaw iż-żmien li fih dawk l-għanijiet jistgħu jintlaħqu jew kif għandhom jintlaħqu.

Illi *inoltre* l-fatt li art ġiet rilaxxjata mill-esproprju xi snin ilu għax f'dik l-epoka ma kinetx għadha meqjusa bħala meħtieġa għal skop pubbliku, ma jfissirx b'daqshekk li fil-frattemp l-awtoritajiet kompetenti ma jistgħux iwettqu dak l-eżerċizzju neċessarju għall-finijiet ta' ppjanar kif effettivament ġara.

Illi jiġi dikjarat ukoll li l-art in kwistjoni kienet sa minn żmien ilu indikata biex tagħti aċċess minn naħa urbana għal naħa oħra urbana, u din il-funzjoni tal-ippjanar bħala proposta ma nbidlitx fil-pjan lokali, għax inħass li din il-funzjoni kienet għadha meħtieġa, u għalhekk anke minn dan l-aspett ir-rikors promotur ma jistħoqqlux akkoljiment.

Illi jsegwi għalhekk li la l-esponenti ma wettqu ebda vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali tar-rikorrenti huma ma jirrispondux għal danni.

Għaldaqstant u fid-dawl tas-suespost din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Semgħet il-provi dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtoritż' intimata u t-tieni eċċezzjoni tal-Onorevoli Prim' Ministru u s-Segretarju Parlamentari fi ħdan l-Uffiċju tal-Prim Ministru;

Rat l-atti proċesswali.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Frar 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar dawn l-eċċezzjonijiet u dan wara li saret id-debita trattazzjoni mid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita' u li hija wkoll eċċepita mill-Prim' Ministru hija l-Qorti għandha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha *ai termini* tal-Artikolu 4 (2) tal-Att XIV tal-1987 u l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, *stante* li r-rikorrenti qed jadopera proċedura stroardinarja bħal dik odjerna meta kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji biex iħares id-drittijiet pretiżi minnu.

Illi din l-eċċezzjoni qed issir peress li r-rikorrent, qiegħed jallega li ġew leżi d-drittjiet kosituzzjonali tiegħu fir-rigward ta' proprjeta' tiegħu illi fuqha qed jiġi miċħud il-permessi

għall-bini minħabba li hemm pjanat li jsir taraġ. Peress li huwa stitwixxa dawn il-proċeduri mingħajr ma għamel il-proċeduri ndikati skond l-Att dwar l-Ippanar, l-intimati qed jeċċepixxu illi l-Qorti għandha tiddeklina milli tkompli tisma' r-rikors *ai termini* tal-proviso wara l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u dak 4 (2) tal-Kapitolu 319.

Illi l-proviso ndikat mill-intimati jgħid eżattament illi:

*"Iżda l-Qorti tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dan is-sub-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra."* (**46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 jgħidu l-istess ħaġa).**

Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet **"Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine" (**deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*

*a. Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r–rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.*

*c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ.*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Philip Spiteri vs Sammy Meilaq"** (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li:
*"Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni".* F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma *'komplessa'* jiżdied il-kliem *'jew inkella mħallta'.*

Illi issa fil-każ in ezami r-rikorrenti ndubbjament kellu r-rimedju legali oħra disponibbli għalih u huwa għażel li ma jagħmilx dan. Skond l-istess rikorrenti, huwa għamel dan għaliex uffiċjali stess tal-MEPA qalulu li ma kellu ebda ċans li jinħarġulu l-permessi fiċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu. Il-Qorti hija disposta illi temmnu u m'għandhiex għalfejn tiddubita minn dak li qal meta xehed.

Illli l-Qorti jidhrilha pero' li l-eċċezzjoni fil-każ in kwistjoni hija fondata u għandha tiġi akkolta. Fil-kawża fl-ismijiet **"Maria *sive* Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et"** (deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*

Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et"** deċiża fid-9 ta' Novembru 2012 li kopja tagħha ġiet ukoll esebita mill-Awtorita' intimata fl-atti tal-kawża.

Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li *'kienu disponibbli'* u allura anke jekk kien hemm mezzi li *'kienu'* disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha. F'dan il-każ ċertament il-Qorti tħoss li jkun abbuż mill-proċeduri Kostituzzjonali jekk l-ilmenti tar-rikorrent jiġu nvestigati meta lanqas biss ipprova juża l-mezzi disponibbli għalih – anzi jidher li dawn il-mezzi għadhom sal-lum disponibbli. Wieħed ma jistax jaqbad u jistitwixxi proċeduri Kostituzzjonali sempliċement għaliex xi ħadd – hu min hu – jkun qatagħlu qalbu li l-mezzi ordinarji jistgħu jirnexxu.

## DEĊIŻJONI

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni msemmija tal-intimati u tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha *ai termini* tal-artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 u l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.**

**L-ispejjeż kollha tal-kawża jkunu a kariku tar-rikorrent.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------